MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Numru 534/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvette Farrugia)**

**vs**

**David Mizzi**

**Illum 29 ta' Settembru, 2003.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra David Mizzi, bin Anthony u Spiridione *nee'* Attard, imwieled Attard, fit-22 ta' Settembru, 1973, u joqghod "St. Anthony" Triq il-Gallu, Fgura, detentur tal-karta ta' l-identita' 473273(M);

Talli fil-15 t'Ottubru, 2002, ghall-habta ta' 4.15p.m. fi Triq l-Imgieret, Luqa  u f'postijiet ohra bla ordni skond il-Ligi ta' l-

Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestajt, zammejt jew issekwestrajt lil Valerie Mizzi (Art. 86,87 (c) Kap.9)

Hebbejt kontra Valerie Mizzi sabiex tingurja, iddejjaqha jew taghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor (Art.339 (1) (d) Kap 9),

Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi ingurjajt lil Valerie Mizzi jew ghamiltilha theddida mhux imsemmija banda ohra fil-Kodici Kriminali jew jekk kont provokat, ingurjajtha b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni (Art.339 (1) (e) Kap 9).

Hebbejt ghal Valerie Mizzi u kkagunajtilha feriti ta' natura hafifa kif iccertifika Dr. M. Rosso M.D. (Art. 339 (1) (e) Kap 9).

Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku bhala ufficjal fil-korp tal-Pulizija kellek tissorvelja biex ir-reati ma jsirux jew minhabba l-kariga taighek kellek id-dmir li timpedixxi.

Il-Qorti hija mitluba li tapplika Art..383 tal-Kap 9

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali skond l-Artikolu 370 (4) sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bi procedura sommarja u n-nuqqas ta' oggezzjoni ta' ;l-imputat ghall-istess procedura.

Semghet ir-rinunzja tal-kwerelanta fuq it-tieni, t-tielet u r-raba' akkuza, kif ukoll d-dikjarazzjoni ta' l-uniku xhud, mart l-imputat li ma kienetx ser tixhed kontra zewgha .

Ghalhekk tiddikjara l-procediment esawrit fuq it-tieni, t-tielet u r-raba akkuza.

Tillibera lill-imputat mill-akkuzi l-ohra fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------